MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Talba Numru. 199/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Martin Gerry**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma mitejn u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€270.86) – mija u sittax-il liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm116.28c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Comminications Limited skond Client Contract Number 1008140 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xahar ta' bejn Mejju 2006 u Settembru 2006.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, dawk ta' l-ittra ufficjali lil banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u sebghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€270.86) – mija u sittax-il liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm116.28c) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------